

32006R1086

15.7.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 195/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1086/2006
tal-11 ta' Lulju 2006

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 dwar ir-rati ta' konverżjoni bejn l-euro u l-muniti ta' l-Istati
Membri li jadottaw l-euro**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,
u b'mod partikolari l-Artikolu 123(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (¹),

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98 dwarf ir-rati ta' konverżjoni bejn l-euro u l-muniti ta' l-Istati Membri li jadottaw l-euro (²) jiddetermina r-rati ta' konverżjoni mill-1 ta' Jannar 1999.
- (2) kond l-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, is-Slovenja hija Stat Membru b'revoka kif definit fl-Artikolu 122 tat-Trattat.
- (3) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju 2006 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwarf l-adozzjoni tal-munita unika mis-Slovenja fl-1 ta' Jannar 2007 (³), is-Slovenja issa tissodisfa l-kundizzjonijiet

meħtieġa għall-adozzjoni tal-munita unika u d-deroga favur is-Slovenja għandha tiġi revokata mill-1 ta' Jannar 2007.

- (4) L-introduzzjoni ta' l-euro fis-Slovenja teħtieġ li r-rata ta' konverżjoni bejn l-euro u t-tolar tiġi adottata. Din ir-rata ta' konverżjoni għandha tiġi stabilita għal 239,640 tolari Sloveni għal kull euro, li tikkorrispondi mar-rata ċentrali preżenti tat-tolar fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju (ERM II).
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 2866/98 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi mdaħħal bejn ir-rati ta' l-ecscudo Portugiż u l-mark Finlandiż fil-lista ta' rati ta' konverżjoni f'Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2866/98:

“= 239,640 tolar Sloven”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 11 ta' Lulju 2006.

*Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA*

(¹) Opinjoni mgħotja nhar is-6 ta' Lulju 2006 (Għadha mhix ippubbli-kata fil-Ġurnal Uffiċjali)

(²) ĠU L 359, 31.12.1998, p. 1. Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1478/2000 (ĠU L 167, 7.7.2000, p. 1).

(³) ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.